MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 342/2010

**Rita sive Ritienne Cioffi**
**ID-441778M**

**vs**

**Ronald Spiteri (ID-526574M),**
**Mario Montebello (ID-545785M) u**
**Jesmond Bezzina ghal kull-interess li jista jkollu**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Frar 2010, fejn intalab sabiex il-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lill-attrici s-somma ta' €1,500 (elf u hames mitt ewro) rapprezentanti differenza fil-valur bejn il-prezz tal-akkwist ta' vettura u l-valur attwali tal-istess vettura tal-marka Rover Saloon numru ta' registrazzjoni EAJ-674 li l-attrici kienet xtrat versu l-prezz ta' €1,600 (elf u sitt mitt ewro) pero` in segwitu rrizulta li kienet afflitta minn difett mohbi.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti Montebello u Spiteri datata 5 ta' Marzu 2010 fejn ikkontestaw it-talba attrici u in linea preliminari eccipew l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal *ratione materiae* stante li t-talba tinsab inkwadrata fuq l-artikolu 1407 Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta u cio` e` fuq l-actio aestimatoria u kwindi l-meritu ma hux semplici money claim ai termini tal-artikolu 3 (2) tal-Kap 380;

Ra r-risposta tal-konvenut Bezzina datata 12 ta' Marzu 2010 li kkontesta t-talba attrici u li huwa wkoll ta' l-eccezzjoni preliminari tal-inkompetenza ratione materiae.

Ra illi l-kawza kienet qed tigi differita ghal provi u trattazzjoni fuq l-eccezzjoni preliminari tal-inkompetenza liema trattazzjoni fil-fatt saret mill-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2010.

Ikkunsidra.

Illi dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni li jisma u jaqta dawk il-kawzi biss li jirrigwardaw talbiet ta' flus sa certu ammont (Art 3 (2) Kap 380 tal-Ligijiet ta Malta.

Illi minghajr ma jkun hemm ghalfejn wiehed joqghod jidhol f'diversi gurisprudenza fuq l-interpretazzjoni ta' dan il-fattur, jigi osservat illi l-kawzali fuqhiex qed issir it-talba odjerna jinsabu msejsa precizament fuq l-Actio Aestimatoria cio` e` fuq tip ta' azzjoni spettanti lix-xerrej kontra l-venditur ta' oggett li allegatament jinsab milqut minn xi difett mohbi. Illi tali tip ta' azzjoni certament tesorbita l-kompetenza tal-odjern Tribunal stante li per forza wiehed ikun irid jindaga kemm mill-lat legali u kif ukoll mil-lat tekniku dwar id-diversi elementi mehtiega sabiex tirnexxi tali azzjoni.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-eccezzjoni preliminari ta' l-inkompetenza *ratione materiae* ta dan it-Tribunal sollevata mill-konvenuti

quindi jillibera lill-konvenuti kollha mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjes ta’ din l-istanza a kariku tal-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------